VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,566, 3 ta' Mejju, 2016
Taqsima B

A.L. 143 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

STATUT GĦALL-ISKOLA INTERNAZJONALI GĦALL- *FOUNDATION STUDIES*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 72(h), 75(2), 77(c)(d) u 136(3) ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut għall-Iskola Internazzjonali għall-*Foundation Studies*.

Interpretazzjoni

2. F'dan l-Istatut, kemm-il darba r-rabta ta' kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Iskola Internazzjonali għall-*Foundation Studies*;

"l-Iskola" tfisser l-Iskola Internazzjonali għall-*Foundation Studies*.

It-Twaqqif tal-Iskola

3. B'dan qed titwaqqaf l-Iskola Internazzjonali għall-*Foundation Studies* fi ħdan l-Università ta' Malta.

L-Għanijiet u l-Funzjonijiet tal-Iskola

4. L-Iskola għandha dawn l-iskopijiet:

(a) li tamministra u tmexxi korsijiet tal-*foundation studies* li jipprovdu, lill-istudenti li ma jkunux segwew sistema edukattiva bħal dik ta' Malta, għarfien u ħiliet personali u interpersonali u qafas organizzattiv li fuqhom jibbażaw l-istudji tagħhom fil-ġejjieni;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) li timpenja u tistimula lill-istudenti filwaqt li jinagħta s-sapport xieraq meħtieġ biex l-istudenti jimxu minn ambjent edukattiv għalkollox strutturat ta' skola sekondarja għall-għarfien, ħiliet, u l-attitudnijiet meħtieġa minn studenti li qed jistudjaw għall- Ewwel Grad;

(ċ) li tippermetti lill-istudenti li javvanzaw b'suċċess għal programmi akkademiċi ta' studju billi jiġi offrut taħriġ u sapport f'dawk l-oqsma qofol fejn l-istudenti jistgħu jkunu jeħtieġu aktar għajnuna;

(d) li tikkoopera ma' entitajiet akkademiċi tal-Università fejn l-istudenti tal-Iskola jkomplu l-istudji tagħhom, sabiex ikun żgurat l-aħjar livell possibbli ta' preparazzjoni fid-diversi oqsma indirizzati mill-korsijiet tal-Iskola;

(e) li tikkoopera ma' unitajiet oħra tal-Università responsabbli għall-affarijiet akkademiċi u internazzjonali f'materji relatati mal-Iskola; u

(f) li tippromovi u tiffaċilita t-teħid ta' studenti fl-Iskola b'kollaborazzjoni ma' entitajiet akkademiċi u amministrattivi Universitarji oħra.

Is-Setgħat

5. L-Iskola titmexxa minn Bord li jkun magħmul kif ġej:

(i) *Chairman*: Ir-Rettur jew id-delegat tiegħu;
(ii) Viċi-*Chairman*: Id-Direttur tal-Iskola;
(iii) l-*Area Co-ordinators* tal-Iskola;
(iv) persuna maħtura mill-Uffiċju Internazzjonali u tal-UE;
(v) persuna maħtura mill-Kunsill tal-Università;
(vi) persuna maħtura mis-Senat tal-Università;
(vii) mhux aktar minn żewġ rappreżentanti tal-istaff akkademiku tal-Iskola; u
(viii) mhux aktar minn tliet rappreżentanti (wieħed minn kull *area*) tal-istudenti rreġistrati fl-Iskola.

Ir-Reġistratur jew id-delegat tiegħu jservi bħala s-Segretarju tal-Bord.

6. Il-membri kollha tal-Bord, għajr dawk li huma maħtura *ex officio*, u ż-żewġt rappreżentanti tal-istaff akkademiku jinħatru għal perijodu ta' sena, li jista' jiġi mġedded sa erba' snin. Membru li jirtira hu eliġibbli li jerġa' jinħatar.

7. Id-dmirijiet tal-Bord ikunu dawn li ġejjin:

(a) li jmexxi l-affarjiet tal-Iskola, skont il-provvedimenti ta' dan l-istatut u ta' dawk ir-regolamenti, il-*policies* jew direzzjonijiet, kif approvati mill-Kunsill u mis-Senat minn żmien għal żmien;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) li jifformula l-*policy* tal-Iskola, jissorvelja l-attivitajiet u l-amministrazzjoni tagħha u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità li ssemmiet qabel, il-Bord jista':

(i) japprova *strategic/business plans* u l-estimi annwali tad-dħul u l-ħruġ tal-Iskola għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill;

(ii) bi qbil bil-miktub mar-Rettur jidħol fi ftehim ma' terzi persuni biex jagħtu fondi lill-Iskola jew għall-attivitajiet partikulari;

(iii) jippubblika rapport annwali dwar kwistjonijiet akkademiċi u amministrattivi;

(iv) jipproponi Regolamenti u Ordinamenti lis-Senat;

(v) jirrikkmanda lill-Kunsill il-ħolqien jew l-abolizzjoni ta' postijiet akkademiċi u mhux akkademiċi fl-Iskola;

(vi) jipproponi għall-approvazzjoni tas-Senat, Bordijiet ta' Studju u Bordijiet tal-Eżaminaturi għall-korsijiet offruti mill-Iskola; u

(vii) jipproponi għall-approvazzjoni tas-Senat, Programmi ta' Studji u deskrizzjonijiet ta' korsijiet ta' studju ta' kull kors.

Il-Ħatra tad-Direttur u l-i*Staff*

8. L-Iskola jkollha Direttur u s*taff* kif ġej:

(a) id-Direttur tal-Iskola jinħatar skont il-proċedura għall-ħatra tad-Diretturi tal-Istituti u taċ-Ċentri kif approvata mill-Kunsill tal-Università, għal perijodu ta' sena, bil-possibilità li l-ħatra tiġġedded kull sena skont kriterji stabiliti ta' ħiliet, il-ħtiġijiet tal-Iskola u tal-Università, għal perijodu li ma jeċċedix l-erba' (4) snin; u

(b) l-istaff tal-Iskola jinħatar mill-Università skont in-normi tas-soltu.

Id-Dmirijiet tad-Direttur

9. Id-dmirijiet tal-Viċi-*Chairman*/Direttur huma li:

(a) jippromovi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-programmi kurrikulari tal-Iskola, inkluż l-immaniġjar strutturari intern tal-Iskola kif approvati mill-Bord;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) jiġbor u jissottometti lir-Reġistratur tal-Università sa mhux aktar tard minn Jannar ta' kull sena akkademika, prospektus komprensiv aġġornat bid-deskrizzjoni tal-kontenut tat-taqsimiet-studju kurrenti u dawk proġettati offruti mill-membri tal-Iskola skont il-linji-gwida stabbiliti mill-Kumitat għall-Validazzjoni tal-Programmi;

(ċ) jiżgura li t-taqsimiet-studju offruti mill-membri tal-istaff tal-Iskola huma mogħtija skont il-programm tal-istudji kif irreklamat; id-Direttur għandu jiżgura li l-għalliema, li jaqgħu taħt l-awtorità tiegħu, jagħtu l-*lectures*, is-*seminars*, it-*tutorials* u s-sessjonijiet tal-laboratorju kollha kif assenjat lilhom rispettivament, fil-ħin u fil-post kif indikat fuq it-*time-table* uffiċjali, u li kull tibdil ikun reġistrat formalment u li l-istudenti jkunu infurmati fil-ħin;

(d) jiżviluppa u jimplimenta l-pjan strateġiku/*business plan* tal-Iskola;

(e) jamministra l-Iskola b'konsultazzjoni sħiħa mal-membri tiegħu; jimmonitorja u japprova talbiet għal *leave of absence* mill-membri tal-Iskola. Id-Direttur hu mistenni li jżomm reġistru tal-*leave* kollu tal-membri u jgħaddi, meta mitlub, din l-informazzjoni lid-Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorżi Umani;

(f) jippromovi l-bżonnijiet akkademiċi u personali tal-istudenti, sabiex l-istudenti jingħataw l-aqwa sapport f'każ li jiltaqgħu ma' diffikultajiet matul l-istudji tagħhom relatati mal-attivitajiet tal-Iskola;

(g) li jimmonitorja t-tmexxija tal-eżamijiet taċ-Ċentru u jiżgura li r-riżultati kollha tal-assesjar u tal-eżamijiet jiġu sottomessi fl-Uffiċċju tar-Reġistrar mhux aktar tard mill-aħħar ta' Marzu, Lulju u Settembru, iżda r-riżultati għandhom jiġu sottomessi liċ-*Chairman* rispettiv sa mhux aktar tard minn dawn id-dati li ġejjin:

- is-sessjoni ta' Jannar – sal-aħħar ta' Marzu;
- is-sessjoni ta' Mejju/Ġunju – ir-riżultati tal-Aħħar Sena mhux aktar tard minn jumejn qabel jitlaqqa' l-Bord għall-Klassifikazzjoni li jsir fl-aħħar sena iżda, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard mill-aħħar ta' Lulju; riżultati oħra għandhom jaslu kemm jista' jkun malajr iżda mhux aktar tard mill-aħħar ta' Lulju;
- is-sessjoni ta' Settembru – sal-aħħar ta' Settembru.

(h) jinkoraġġixxi u jiffaċilita l-kooperazzjoni mal-fakultajiet, istituti, ċentri u istituzzjonijiet oħra;

(i) jmexxi laqgħat tal-Bord tal-Iskola fl-assenza u bil-permess taċ-*Chairman*;

(j) jiżgura u jiffaċilita l-iżvilupp u t-taħriġ tal-istaff akkademiku u dak mhux akkademiku;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(k) jipparteċipa fi kwalunkwe laqgħa tal-Università li hi marbuta mal-kariga tiegħu;

(l) jirrapreżenta l-Iskola f'funzjonijiet uffiċjali tal-Università;

(m) jikkompila u jissottometti rapport annwali lis-Segretarju tal-Università sal-aħħar ta' Settembru ta' kull sena akkademika. F'dan ir-rapport għandu jingħata tagħrif dwar l-attivitajiet li saru fl-Iskola fis-sena li tkun għaddiet u għandu jinkludi, fost l-oħrajn, informazzjoni li tista' tintalab mis-Segretarju bħal lista sħiħa tal-konferenzi/*seminars*/laqgħat li l-membri tal-Istitut attendew barra minn Malta, fi żmien it-term; u tagħrif ġenerali dwar il-kollaborazzjoni tal-Istitut ma' terzi partijiet;

(n) jikkompila u jissottometti lid-Direttur tal-Finanzi tal-Università mhux aktar tard mill-aħħar ta' Mejju ta' kull sena akkademika, l-estimi għall-baġitt finanzjarju għas-sena li jmiss. Dan ikun jinkludi l-ħtiġijiet dwar riżorsi umani fl-Iskola li jkopri tagħlim, xogħol amministrattiv proġettat għall-Iskola u bbażat fuq ix-xogħol proġettat ta' kull Akkademiku Residenti tal-Iskola u tal-*Visiting Teaching Staff*;

(o) jimmonitorja l-eżekuzzjoni tax-xogħol tal-istaff mhux akkademiku msieħeb mal-Iskola;

(p) jawtorizza lill-Iskola l-ksib ta' apparat; jiżgura li r-riżorsi assenjati lill-Iskola– kemm jekk umani kif ukoll oħrajn - jiġu utilizzati b'mod sħiħ u effiċjenti; u

(q) iwettaq dawk id-dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati lilu mill-Università minn żmien għal żmien.

10. Minbarra dan, id-Direttur:

(a) għandu jirrapporta direttament liċ-*Chairman* tal-Bord tal-Iskola u għandu jikkollabora mal-uffiċjali amministrattivi anzjani kollha tal-Università;

(b) għandu jkun normalment Akkademiku Residenti impjegat mal-Università fuq bażi *full-time* matul iż-żmien li jokkupa l-ħatra ta' Direttur;

(ċ) m'għandux jimpenja ruħu fi kwalunkwe attività barra mill-Università li tista' tkun f'konflitt, jew ittellfu, mid-dmirijiet tiegħu/tagħha fl-Università;

(d) hu mistenni li jkun preżenti fuq il-kampus jew kwalunkwe sît indikat mill-Università ta' Malta għallinqas fil-ħinijiet normali tal-uffiċċju mit-Tnejn sal-Ġimgħa matul is-sena skont l-esiġenzi tal-akkademiku u inkonformi mal-prattiċi u l-ħtiġijiet tal-Università u bid-dritt għall-*leave* normali u għall-festi pubbliċi kif provdut fil-liġi; jekk in-nuqqas tiegħu hu meħtieġ u ġustifikat, hu għandu jiżgura li wieħed jista' jikkuntattja miegħu permezz tas-segretarjat tal-Iskola;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) m'għandux jgħaddi informazzjoni lil terzi persuni li mhumiex assoċjati mal-Università ta' Malta, dwar kwalunkwe xogħol jew *data* li jkollha x'taqsam ma' xogħlijiet li qegħdin isiru fl-Università ta' Malta mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Università ta' Malta; kull xogħol li jkun qed isir fl-Iskola għandu jsir fid-dawl tal-leġislazzjoni Maltija dwar il-ħarsien tad-*data*; u

(f) għandu jintrabat bl-istatuti, bir-regolamenti u bil-*policies* tal-Università ta' Malta, li huma fis-seħħ jew li jsiru effettivi fi żmien il-ħatra tiegħu.

It-Teżorier

11. Id-Direttur tal-Finanzi tal-Università jkun t-Teżorier tal-Iskola.